MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2528/2002

M.A.S Communications Ltd.
Vs
Torri Kercem Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-18 t'Ottubru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' wiehed u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm 51.75) in konnessjoni ma' servizzi ta' pubblikazzjoni ta' riklam fil-gurnal "Travel Trade Directory 2000", liema servizzi gew provduti mis-socjeta' attrici fuq rikjesta tas-socjeta' konvenuta u ghal-liema servizzi s-socjeta' attrici ghad mhux imhallsa.

L-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta huwa indikat fuq fattura tas-socjeta' attrici datata 25 ta' Novembru, 1999 u kopja ta' dik il-fattura hija hawn annessa u mmarkata bhala dokument "A".

Bl-ispejjez tal-prezenti  u ta’ l-ittra nterpellatorja tat-3 ta’ Settembru, 2002 (kopja dok. “B”) kif ukoll ta’ l-ittra nterpellatorja ta’ l-10 ta’ Ottubru, 2002 (kopja dok. “C”) u bl-imghax mid-data ta’ hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqa' ma prezentatx risposta.

Sema' lil Avv Dr Antoine Naudi jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta' wiehed u hamsin Lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------